

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Settembru 2011 — Hecq vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-47/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Mard ikkaġunat mix-xogħol — Artikoli 73 u 78 tar-Regolamenti tal-Persunal — Regularità tal-opinjoni tal-Kunitat mediku — Rifjut li tiġi rikonoxxuta l-invalidità parżjali permanenti)

(2011/C 362/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: A. Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, bħala aġenti, assistiti minn J.-L. Fagnart, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifutaw li jirrikonoxxa lir-rikorrent l-invalidità parżjali permanenti fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal u li jipponu fuqu parti mill-ispejjeż u mill-onorarji mediċi sostnuti matul ix-xogħliji tal-kummissjoni mediku.

Dispożittiv

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Settembru 2009, sa fejn dawn jimponu fuq A. Hecq l-ispejjeż u l-onorarji tat-tabib li huwa ġatar sabiex jirrapreżentah fi ħdan il-kummissjoni medika kif ukoll nofs l-ispejjeż u l-onorarji tat-tielet tabib tal-kummissjoni medika maħturi bi ftehim.
- (2) It-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet tas-7 ta' Settembru 2009, sa fejn dawn jirrifutaw ir-rikoxximent lil A. Hecq ta' rata għall-invalidità permanenti, huma miċħuda bħala infondati.
- (3) A. Hecq għandu jbati l-ispejjeż kollha.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Seduta Plenarja tas-27 ta' Settembru 2011)

De Nicola vs BEI

(Kawża F-55/08 DEP)

(Servizz Pubbliku — Proċedura — Intaxxar tal-ispejjeż — Spejjeż li jistgħu jingħabru — Spejjeż indispensabbi — Onorarji mhalla minn istituzzjoni lil avukat tagħha — Obbligu ta' rikorrent li tilef li jbati dawn l-onorarji — Prinċipju ta' trattament ugħalli — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Kundizzjonijiet)

(2011/C 362/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: F. Martin, aġent, assistita minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Rikors għal intaxxar tal-ispejjeż ippreżentat mill-konvenut sussegwentement għas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla), tat-30/11/09, mogħtija fil-Kawża F-55/08.

Dispożittiv tad-digriet

L-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jingħabru mill-Bank Ewropew tal-Investiment fil-Kawża F-55/08, De Nicola vs BEI, huwa stabbilit għal EUR 6 000

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-12 ta' Settembru 2011

Cervelli vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-98/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Allowance ta' espatriazzjoni — Talba għal eżami mill-ġdid — Fatti ġodda u sostanzjali — Rikors manifestament inammissibbli)

(2011/C 362/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: F. Cervelli (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. R. García-Gallardo Gil-Fournier u M. Arias Díaz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar irrifjut li tingħata allowance ta' espatriazzjoni lir-rikorrenti.

(1) ĠU C 221, 14.08.10, p. 61.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
 (2) F. Cervelli għandha tħati l-ispejjeż kollha.

(¹) ĠU C 13, 15.01.11, p. 42.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Settembru 2011 — Hecq vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-12/11) (¹)

(Servizz Pubbliku — Mard ikkaġunat mix-xogħol — Invalidità — Talba għal bidu mill-ġdid tal-attività professjonal — Talba għad-danni)

(2011/C 362/43)

Lingwa tal-kawża:il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Rikors għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent sabiex jerġa' jibda l-aktivitajiet professjonal tiegħu u jingħata l-ħlas kollu tal-paga tiegħu ta' uffiċjal, ikkal-kolata mill-1 ta' Awwissu 2003, kif ukoll tad-danni u tal-intəressi, kollox flimkien ma' interassi moratorji kkalkolati bir-rata ta' 7 % fis-sena mill-1 ta' Awwissu 2003.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħla manifestament inammissibbli.
 (2) Hecq għandu jħati l-ispejjeż kollha.

(¹) ĠU C 113, 09.04.2011, p. 22.